# MALTA

**ATT Nru. XVI ta' l-1994**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att ta' l-1993 dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti.

**ACT No. XVI of 1994**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Duty on Documents and Transfers Act, 1993.

Nagħti l-kunsens tiegħi,

(L.S.)

UGO MIFSUD BONNICI
President

13 ta' Settembru, 1994

**ATT Nru. XVI ta' l-1994**

*ATT biex jemenda l-Att ta' l-1993 dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti.*

Il-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorita' ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1994 li jemenda l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1993 dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

**2.** Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 1 fit-test Ingliż ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "in any public deed shall be deemed" għandu jidħol il-kliem "in any public deed be deemed ". Emenda ta' l-artikolu 1 ta' l-Att prinċipali.

**3.** Fl-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali minnufih wara t-tifsira ta' "qorti" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja: Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

" "residenti f'Malta" għandha l-istess tifsira lilha mogħtija fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* ;" . Kap. 123.

**4.** Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

"(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, dokument magħmul barra minn Malta jitqies li sar użu minnu f'Malta meta jinġieb quddiem qorti, arbitru jew perit legali bħala prova jew jiġi prodott quddiem xi persuna jew awtorita' f'Malta sabiex jiġi esegwit jew reġistrat.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali.

**5.** Minflok l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Setgħat ta' uffiċjali pubbliċi awtorizzati biex jeżaminaw dokumenti, eċċ.

19. (1) Meta l-Kummissarju, jew uffiċjal minnu awtorizzat bil-miktub, jissuspetta li dan l-Att ma jkunx qed jiġi segwit dwar xi dokument, huwa jkollu l-jedd li jeħtieġ lil kull min ikollu dak id-dokument li jġibu bil-għan li jiġi verifikat li dan l-Att ikun qed jiġi segwit dwar dak id-dokument, u huwa jista' jeleva d-dokument jekk ikun hemm raġuni għaliex jidhirlu li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ma jkunux ġew segwiti għar-rigward ta' dak id-dokument.

(2) Meta l-Kummissarju, jew uffiċjal minnu awtorizzat bil-miktub, jissuspetta li l-attiv ikun ġie sottovalutat għall-finijiet ta' kif jiġi applikat dan l-Att, sew huwa jew perit jew *surveyor* minnu awtorizzat ikollu l-jedd kollu ta' aċċess liberu f'kull bini jew imkien sakemm dak id-dħul ikun jista' jgħinu sabiex jistabbilixxi l-valur ta' l-attiv imsemmi, iżda ma jkollux setgħa jeleva xi oġġett jew iġorru 'l barra minn dak il-fond.

(3) Jekk l-aċċess f'xi fond imsemmi fis-subartikolu ta' qabel dan ikun jeħtieġ id-dħul ġewwa fond li jkun kollu kemm hu jew f'parti minnu okkupat għall-finijiet ta' abitazzjoni, dak id-dħul ma għandux isir bejn is-sebgħa ta' fil-għaxija u d-disgħa ta' filgħodu.

(4) L-eżami ta' atti nutarili għandu jsir mill-Viżitaturi li jiffurmaw il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili li għandhom jagħmlu rapport lill-Kummissarju dwar kull reat kontra dan l-Att li jistgħu jsibu waqt dak l-eżami:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx iwaqqfu lil kull uffiċjal bħalma hu msemmi fis-subartikolu (1) milli jispezzjona l-atti *inter vivos* fil-fond jew band'oħra ta' nutar bil-għan li jiżgura li wieħed qed jikkonforma ruħu mal-liġi.

(5) Fit-twettieq tas-setgħat mogħtija b'dan l-artikolu, kull perit jew *surveyor* imsemmi fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu ma jistax jispezzjona dokument jew dokumentazzjoni oħra li tkun, u l-Kummissarju, jew kull persuna oħra minnu awtorizzata kif imsemmi qabel, ma jistax jispezzjona xi dokument jew dokumentazzjoni oħra li tkun protetta bid-dmir ta' segretezza professjonali, jew jisma' xi taħdita jew mezz ta' reġistrazzjoni li jkunu protetti bl-istess dmir. Il-Kummissarju jew dak l-uffiċjal li jiġi debitament awtorizzat minnu jista' jitlob lid-detentur ta' dokument protett bis-segretezza professjonali li jikkommunikalu

sommarju tad-dokument b'mod li jitneħħew referenzi għal kull tagħrif protett bis-segretezza professjonali. Jekk dak is-sommarju ma jkunx suffiċjenti biex il-Kummissarju jew l-uffiċjal li jkun ġie debitament awtorizzat minnu jiddeċiedu jekk ikunux ġew segwiti d-dispożizzjonijiet kollha ta' dan l-Att għar-rigward ta' dak id-dokument, il-kwestjoni għandha tiġi riferita lill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, li jkollha setgħa li tordna l-produzzjoni ta' dak id-dokument quddiemha minn kull persuna, u li għandha tagħmel rapport lill-Kummissarju dwar kull nuqqas li jiġi segwit dan l-Att skond ma l-Qorti tinduna bih matul dak l-eżami.

(6) Il-Kummissarju u, skond il-każ, min jiġi minnu awtorizzat, ikun marbut bid-dmir ta' segretezza professjonali dwar kull ħaġa li jista' jsir jaf biha waqt it-twettieq tas-setgħat tiegħu taħt dan l-Att u m'għandux jikxef ir-riżultat ta' dak li jsir jaf ħlief lil xi awtorita' kompetenti li jkollha x'taqsam mill-ġbir ta' xi taxxa bis-saħħa ta' dan l-Att. Dak l-uffiċjal li jikxef dak ir-riżultat ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux inqas minn mitt lira u mhux iżjed minn elf lira, jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kap. 9

(7) Bla ħsara għal kull dispożizzjoni tal-Kodiċi Kriminali, meta l-fatt jikkostitwixxi delitt suġġett għal piena ogħla, kull persuna li ma tħallix jew tfixkel lill-imsemmi uffiċjal, perit jew *surveyor* fil-qadi ta' dmirijietu taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, jew tonqos li tobdi l-ordnijiet magħmula minn dak l-uffiċjal skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iktar minn ħamsin lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien.".

**Emenda ta' l-artikolu 32 ta' l-Att prinċipali.**

**6.** Fis-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 32 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "għandha l-ewwel tinħadem taxxa għar-rigward taċ-ċens kapitalizzat bil-ħamsin fil-mija" għandu jidħol il-kliem "għandha l-ewwel tinħadem taxxa għar-rigward taċ-ċens bil-ħamsin fil-mija".

**Emenda ta' l-artikolu 33 ta' l-Att prinċipali.**

**7.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 33 fit-test Malti ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "lilu trasferita proprjeta' *causa mortis*" għandu jidħol il-kliem "lilu trasferita proprjeta' immobbli *causa mortis*".

**Emenda ta' l-artikolu 35 ta' l-Att prinċipali.**

**8.** L-artikolu 35 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subparagrafu (i) tas-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "trasferit lil kull min jirċievi *causa mortis* kif ikun jirrapreżenta" għandu

jidħol il-kliem "trasferit lil kull min jirċievi *causa mortis* u jkun jokkupa dik id-dar ta' abitazzjoni bħala r-residenza ordinarja tiegħu kif ikun jirrappreżenta";

(b) fis-subparagrafu (ii) tas-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "mitt lira jew sehem minnhom ta' l-ewwel Lm20,000" għandu jidħol il-kliem "mitt lira jew parti minnhom ta' dak is-sehem trasferit lil kull min jirċievi *causa mortis* u jkun jokkupa dik id-dar ta' abitazzjoni bħala r-residenza ordinarja tiegħu kif ikun jirrappreżenta l-ewwel Lm20,000"; u

(ċ) fit-test Ingliż tas-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-kliem "which is not merely protestative" għandu jidħol il-kliem "which is not merely potestative".

**Emenda ta' l-artikolu 42 ta' l-Att prinċipali.**

9. Minflok il-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 42 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(a) fuq kull dokument li bih jiġi trasferit *inter vivos* valur negozjabbli barrani lil, jew minn, persuna residenti Malta:

Iżda ma titħallas ebda taxxa meta dak it-trasferiment isir permezz ta' bank lokali jew permezz ta' persuna li jkollha liċenza għal servizzi ta' investiment maħruġa taħt l-Att ta' l-1994 dwar Servizzi ta' Investiment;

(b) fuq kull dokument li bih valur negozjabbli, barra minn dawk imsemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu, ikun trasferit lil jew minn persuna f'Malta:

Iżda mar-ristrutturazzjoni ta' kull kontroll li jsir b'*mergers, demergers*, amalgamazzjonijiet u rijorganizzazzjonijiet fil-kuntest ta' grupp ta' kumpanniji ma għandha titħallas ebda taxxa fuq:

(i) it-trasferiment li jsir minn individwu ta' azzjonijiet, li huwa jkollu f'ismu, li jagħmlu sehem minn grupp ta' kumpanniji fi skambju ta' ishma f'kumpannija jew kumpanniji li jagħmlu sehem mill-istess grupp;

(ii) l-iskambju ta' ishma minn kumpannija għall-oħra meta dawk l-ishma jkunu f'kumpanniji li jagħmlu sehem mill-istess grupp ta' kumpanniji;

(iii) it-trasferiment ta' ishma b'kumpens minn kumpannija għall-oħra, meta dawk il-kumpanniji jagħmlu sehem mill- istess grupp ta' kumpanniji.".

**Emenda ta' l-artikolu 45 ta' l-Att prinċipali.**

10. Minflok l-artikolu 45 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Nuqqas li jkunu preżentati kitbiet, eċċ.

45. Meta xi persuna tonqos li tippreżenta lill-Kummissarju jew lill-uffiċjal imsemmi fl-artikolu 19, xi dokument suġġett għat-taxxa, jew, meta d-dokument ikun protett b'segretezza professjonali, is-sommarju

tad-dokument imsemmi fis-subartikolu (4) ta' l-imsemmi artikolu 19, jitqies li t-taxxa fuq dak id-dokument ma tħallsitx u l-Kummissarju jkun jista' jipproċedi għall-ġbir tat-taxxa u l-penali skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.".

**Emenda ta' l-artikolu 47 ta' l-Att prinċipali.**

11. Fit-test Ingliż ta' l-artikolu 47 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "to which section 45 refers" għandu jidħol il-kliem "to which section 42 refers".

**Żieda ta' l-artikolu 47A ġdid ma' l-Att prinċipali.**

12. Minnufih wara l-artikolu 47 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu 47A ġdid li ġej:

**"Eżenzjonijiet għal ċerti valuri negozjabbli.**

47A. (1) Kull akkwist jew tneħħija għal kull raġuni li tkun ta' valuri negozjabbli mill-persuni msemmija fis-subartikoli (3) u (4) ta' dan l-artikolu għandhom ikunu eżenti mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) Kull akkwist jew tneħħija għal kull raġuni li tkun ta' valuri negozjabbli maħruġa mill-persuni msemmija fis-subartikoli (3) u (4) ta' dan l-artikolu għandhom ikunu eżenti mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(3) Il-persuni msemmija fis-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu huma:

(a) skemi ta' investiment kollettiv li jkollhom liċenza ta' investiment kollettiv taħt l-Att ta' l-1994 dwar Servizzi ta' Investiment;

(b) persuni li jkollhom liċenza għal servizzi ta' investiment maħruġa taħt l-Att ta' l-1994 dwar Servizzi ta' Investiment, u li l-attivitajiet tagħhom jinkludu l-għoti ta' pariri dwar it-tmexxija, amministrazzjoni, salvagwardjar jew investiment lil skemi ta' investiment kollettiv kif imfisser fl-Att imsemmi qabel;

**Kap. 123**

(ċ) kumpanniji internazzjonali ta' kummerċ kif imfisser fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*;

(d) kumpanniji li jidħlu fl-iskop tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu.

(4) Kumpannija tkun kumpannija li tidħol fil- paragrafu (d) tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu jekk iktar minn nofs il-kapital azzjonarju ordinarju, jeddijiet ta' votazzjoni u jeddijiet għal profitti jinżammu minn persuni li:

(a) ma jkunux residenti f'Malta; u

(b) ma jkollhomx bħala sidien tagħhom jew ma jkunux kontrollati direttament jew indirettament minn persuni residenti f'Malta,

u dik il-kumpannija tkun ġiet determinata mill-Kummissarju bħala li għandha l-biċċa l-kbira ta' l-interessi kummerċjali tagħha barra minn Malta.

(5) Għall-finijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu kumpannija li jkollha bħala s-sidien kollha tagħha u li tkun kontrollata direttament minn persuni li ma jkunux ordinarjament residenti jew domiċiljati f'Malta għandha titqies li ma tkunx residenti f'Malta.

(6) Kumpannija tista' tapplika lill-Kummissarju, fuq dik il-formula li l-Kummissarju jipprovdi, għal determinazzjoni li toħroġ mis-subartikolu (7) jew mis-subartikolu (8) ta' dan l-artikolu.

(7) Il-Kummissarju jiddetermina li kumpannija tkun tidħol fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu jekk, b'żieda mat-twettieq tal-ħtiġijiet tal- paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu jew:

(a) iktar minn nofs il-profitti tal-kumpannija li jitqassmu kienu allokati fil-kont ta' *income* barrani (fil-kuntest tat-tifsir ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*) fl-aħħar sena finanzjarja sħiħa tal-kumpannija; jew

(b) kull attiv miżmum mill-kumpannija jkun jinsab barra minn Malta. Għal dan l-għan, l-espressjoni "attiv" m'għandhiex tinkludi attiv li jkun jinsab f'Malta li jkun qed jinżamm mill-kumpannija għall-finijiet li tiġġestixxi n-negozju tagħha.

(8) Il-Kummissarju jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jagħmel determinazzjoni li kumpannija tkun tidħol fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu jekk ikun probabbli li iktar minn nofs il-profitti tal-kumpannija li jitqassmu jiġu allokati fil-kont ta' *income* barrani fl-ewwel sena finanzjarja tal-kumpannija.

(9) Il-Kummissarju jista', għall-futur, iħassar determinazzjoni taħt is-subartikolu (7) jew is-subartikolu (8) ta' dan l-Att jekk huwa jkun jidhirlu li l-kumpannija tieqaf milli tissodisfa d-dispożizzjonijiet ta' dawk is-subartikoli jew tas-subartikolu (4) ta' dan l-Att, kemm-il darba dak it-tħassir ma jkollux seħħ retroattiv.".

13. Dan il-proviso li ġej għandu jiżdied minnufih fi tmiem is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 57 ta' l-Att prinċipali: Emenda ta' l-artikolu 57 ta' l-Att prinċipali.

"Iżda ħadd ma għandu, bis-saħħa ta' dan is-subartikolu, jkun obbligat jikxef xi tagħrif li dwaru wieħed ikun marbut bis-sigriet professjonali.".

14. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 31 ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta, minflok il-kliem "fl-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti" għandhom jidħlu l-kliem "fl-Att ta' l-1993 dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti jew f'kull Att ieħor li jissostitwixxi dak l-Att" u minflok il-kliem "Kap. 294" fin-nota marġinali relattiva għandhom jidħlu l-kliem "Att Nru. XVII ta' l-1993". Emenda ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta, Kap. 345.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 303 ta' l-20 ta' Lulju, 1994

LAWRENCE GONZI
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*